MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 371/2003

Reuben Galea
vs
Publius Zammit

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur kien silef lill-konvenut is-somma ta' ghaxart elef u sitt mitt lira (Lm10,600) biex jixtri boat, u fil-fatt kien hallas il-flus kollha hu;

Illi l-konvenut kien hallas lura biss is-somma ta' seba' mitt lira, kwindi kien baqaghlu jhallas bilanc ta' disat elef u disa' mitt lira (Lm9,900);

Illi d-dejn kien cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma kellux eccezzjonijiet x'iressaq;

Illi interpellat biex ihallas il-konvenut kien baqa' inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm9,900.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' qbid 156/03 u imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi l-unika eccezzjoni li kellu x'jaghti kienet li t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li assolutament ma kienx minnu li l-konvenut qatt issellef xi flus minghand l-attur, wisq inqas li kien ghad kellu bilanc ta' debitu favur tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Gie prezentat affidavit tal-attur Reuben Galea li fih issemma li hu kien silef lill-konvenut is-somma ta' Lm10,600 biex dan jixtri dghajsa. Il-flus kien harighom hu stess. Il-konvenut kien qed jirrifjuta li jhallsu u kien tah biss Lm700.

Xehed Reuben Galea u qal li l-konvenut kien habib ta' huh u hu kien jafu. Hu kien biegh ix-xarabank ghal Lm24,000 u ghalhekk kellu flus likwidi f'idejh. Il-konvenut kien issuggerielu li jixtru dghajsa, jhallashielu x-xhud u l-konvenut ihallsu lura ftit ftit. Kienu marru jaraw dghajsa li bhala ***shell***, il-***body*** taghha kien jiswa Lm1,800 mingahajr il-magni, u kienet twila 25 pied. Huma xtraw din id-dghajsa. L-attur sostna li din inxtrat ghall-konvenut pero` l-flus harighom hu u ghalhekk marru ghand l-RLR u kellimuh dwar ix-xiri tal-muturi. Sostna li f'dik l-okkazjoni x-xhud kien rega' kellem lill-konvenut u staqsieh jekk hux ser ihallsu u hu accertah ser ihallasu. L-attur ma kellux licenzja tas-sewqan u ghalhekk kien irid isuq id-dghajsa l-konvenut.

Huma kellmu lis-Sur Philip Galea Souchet dwar ix-xiri ta' zewg muturi tal-175 u kienu ftehmu li kellhom igibulhom il-muturi mill-Belgium. L-attur kien inizjalment hallas ***down payment*** ta' Lm3,600 permezz ta' cekk u in segwitu meta gew il-muturi kien hallas il-bilanc tas-Lm7,200 li kienu ftehmu li jridu jithallsu ghax-xiri ta' dawn il-muturi. Id-dghajsa ma kienux ihalluha marbuta fil-bahar. Kienet tinzamm f'***garage*** li kien jiehu hsiebu l-konvenut. Dejjem il-konvenut ha hsieb id-dghajsa u kien isuqha hu u kien hu li kellu c-cwievet. Wara li tellghuha u nizziluha xi erba' darbiet kellhom problema ghax il-***buzzer*** ta' l-***alarm*** kien qieghed idoqq u haduha ghand tar-***repair*** u kien irrizulta li kien hemm xi problema mal-karburaturi. Huma rrangawha u regghu nizzluha l-bahar. Wara dan ix-xhud lid-dghajsa ma rahiex iktar ghax kienet dejjem fil-pussess tal-konvenut.

Il-konvenut kien weghdu li ser ihallsu ta’ kollox izda ghalkemm il-***boat*** baqghet dejjem f’idejh kull ma kien hallas il-konvenut kienu Lm770 ***cash***. Ix-xhud kien kellmu biex ihallsu u qallu biex imorru ghand avukat u jaghmlu skrittura izda l-konvenut baqa’ ma jrid jaghmel xejn. Lill-konvenut kien qallu li jekk id-dghajsa jzommuha t-tnejn hu jaghtih nofs il-flus, u jekk izommha hu jhallasha hu. Dan il-ftehim kien sar waqt li kienu qed jarmawha. Il-boat dejjem kellha tkun proprjeta` tal-konvenut u mhux tal-attur. Il-konvenut kien wieghed lill-attur li se jhallsu. Mistoqsi ghaliex hu kellu interess daqshekk qawwi fil-***boat*** irrisponda li ghax kienu flusu u allura kien jinteressah li dak li jinxtara jkun tajjeb.

Il-***hull*** tal-***boat*** kienet inxtrat minghand wiehed li kien hadu l-konvenut stess ghandu, u kien jidhirlu li jismu Lorry. Ikkonferma li fil-fatt ir-ricevuta tal-***boat*** u l-***hull*** saret fuq il-konvenut. Lilu kien weghdu li kien ser jaghtih il-flus u x-xhud ma oggezzjonax la kien weghdu li ser jagtihomlu. Kellu xhud wiehed Marokkin pero` ma jafx id-dettalji dwaru, joqghod Tas-Sliema. Mistoqsi ghax ma hallasx il-***body*** b’cekk qal li ghax kellu l-flus ***cash*** f’idu. Cahad li kellu xi flus tal-konvenut li kien izommhomlu hu ghax il-konvenut kellu problemi mal-mara. Id-dghajsa kienu jnizzluha dejjem flimkien. Hu dak iz-zmien kien telaq mid-dar u kien jghix go kamra li kien silfu l-konvenut li kienet wahda miz-zewgt ikmamar li kellu.

Xehed <u>Philip Galea Souchet</u> li qal li hu kien direttur tal-kumpanija RLR Limited u llum ghalkemm penzjonant hu konsulent tal-istess kumpanija. Esebixxa kopja tal-kuntratt ghal zewg ***outboard motors*** Johnson ta’ 175 ***horse power*** kull wiehed li sar inizjalment f’isem il-konvenut Publius Zammit. Esebixxa wkoll kopja tal-***invoice*** u tar-ricevuti ta’ kif ircevew il-flus. Ra d-dokument a fol 28 tal-process u qal li dan huwa l-ewwel pagament. Zied jghid li l-pagament sar minn Reuben Galea. Qal li Reuben Galea u Publius Zammit marru flimkien, xtraw zewg magni minghandu u qalulu biex il-kuntratt isir f’isem Publius Zammit. Il-kuntratt kien iffirmah Publius Zammit. Ic-cekk ta’ Lm3,600 kien iddepozitah u ghadda izda

mbaghad tawh cekk iehor ta’ Lm4,000 izda dan ma ghaddiex. Il-BOV kienu qalulu li dak ic-cekk mhux tajjeb. Fl-ahhar kien mar Publius Zammit ghandu u tah Lm4,000 ***cash*** u x-xhud tah ic-cekk lura. Ir-ricevuta harget fuq Publius Zammit ghax ma setax johrog ricevuta fuq Reuben Galea. Hu qatt ma kien dahal fil-kwistjoni ghaliex il-kuntratt kellu jsir f’isem Publius Zammit.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Xehed Publius Zammit li cahad li l-attur kien silfu Lm10,600 biex jixtri dghajsa. Qal li hu kien mar mal-attur biex hu jixtri l-magni minghand l-RLR. Ikkonferma li c-cekk hareg minn Reuben Galea ghax il-flus tieghu kienu qeghdin ghand Reuben Galea peress li x-xhud kellu kwistjoni mal-mara. L-attur kien qallu li jkun ahjar li jzommhomlu hu l-flus, u x-xhud qallu “basta zzommhomli sew”. Biex jinxtraw il-muturi l-attur kien tah cekk lix-xhud u mhux flus. Mistoqsi dwar l-Lm4000 l-ohra qal li dawk kien hallashom ***cash*** ghax l-ewwel cekk ma ssarrafx. Bejn wiehed u iehor kien tah nofshom l-attur Reuben Galea.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda allegat self ta’ flus fl-ammont ta’ ghaxat elef u sitt mitt Liri Maltin (LM10,600) u peress li thallsu seba’ mitt Lira Maltin (LM700), l-attur talab li jithallas is-somma ta’ disa’ telef u disa’ mitt Lira Maltin (LM9,900), bhala s-somma dovuta lilu. Illi l-konvenut eccepixxa li t-talba ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-konvenut qatt issellef flus minn ghand l-attur.

L-attur f’din il-kawza, allega li silef brevi manu lill-konvenut is-somma ta’ ghaxart elef u sitt mitt Lira Maltin (LM10, 600), biex jixtri dghajsa. Sostna li l-konvenut kellu jroddlu lura l-flus, ftit, ftit, u ma jirrizulta li gie miftiehem l-ebda terminu, jew b’liema rati l-konvenut kellu jhallas lura dawn il-flus. Jidher li dak li sar kien xi progett li ma attwax ruhu finalment. Biex wiehed jislef dawk il-flus minghajr skrittura jew kuntratt u lanqas sar xi pagament tal-ammont b’***cheque*** hija verament stramba. Hu interessanti ukoll l-

interess kbir li wera fid-dghajsa l-attur. Min isellef ikollu interess li l-ammont jigi lura mhux li l-magna tal-***boat*** tahdem tajjeb jew le. U l-uniku xhud li kellu l-attur fuq dan kollu [hlief lis-sur Galea Souchet] kien wiehed Marokkin li ma giex prodott.

Min-naha tieghu, l-attur qal li l-konvenut tah biss lura seba' mitt Lira Maltin (LM700) f'***cash.*** Fix-xhieda tieghu, l-attur semma wkoll li kien qal lill-konvenut sabiex imorru jaghmlu skrittura ghand avukat liema skrittura qatt ma saret, lanqas bejn il-partijiet innifishom. (a fol 23).

Min-naha l-ohra, l-konvenut sostna li c-cekk li nhareg meta marru biex jixtru d-dghajsa kien inhareg mill-attur peress li l-flus ta' Zammit kien qed izommhom l-attur, u dan peress li l-konvenut Zammit kellu problemi mal-mara. Hawn jidhol element iehor ftit li xejn kredibbli. Ma setax facilment hallas cash il-konvenut li kieku l-flus kienu tieghu! Il-konvenut sostna li l-attur tah cekk biss meta marru ghand il-kumpanija R.L.R. biex jixtru l-magni, li kienu l-flus tieghu stess. Kwindi, qal li dan ma kienx jammonta ghal self. Ghar-rigward ta' l-erba' telef Lira l-ohra, qal li c-cekk li kien tah l-attur kien ibbawnsja, u ghalhekk, kellu jmur u jhallashom f'***cash.***

F'dan ir-rigward, il-verzjoni tal-konvenut tinsab korroborata mix-xhud, Philip Galea Souchet, li meta gie riferut ghac-cekk a fol 27 tal-process, qal li dan ic-cekk ma kienx fuq isimhom. Filwaqt, li ghac-cekk a fol 28, qal li dan kien l-ewwel pagament fl-ammont ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (LM3600), biex inxtraw zewg magni. Izda, ghar-rigward ta' cekk iehor ta' erba' telef Lira (LM4000) li kien inghata sussegwentement baqa' m'ghaddiex, u baqa' jibbawnsja. Ghalhekk, eventwalment, kien mar Publius Zammit li kien hallas l-erbat elef lira f' ***cash*** (a fol 34 u 35).

Ukoll il-konteggi finali ma jaqblux. In vista tal-fatt li l-verzjonijiet ta' l-attur u l-konvenut huma kunfliggenti, u anke l-fatt li ma tezisti l-ebda skrittura bejn il-partijiet dwar dan l-allegat self, il-Qorti, wara, li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, ma tqisx li l-konvenut ghandu l-obbligu li

jirrestitwixxi s-somma ta’ flus mitluba da parti ta’ l-attur hlief ghat-tlett telef u sitt mitt lira li jidher car li thallsu mill-attur u l-uniku asserzjoni li hemm fuqhom mill-konvenut li kien qal lill-attur jzommlu l-flus minhabba l-mara. L-attur ma gabx provi konkreti u sodisfacenti li kien hu li hareg dan l-ammont ta’ flus [hlief ghat LM3600], u li kien hemm ftehim dwar dan is-self bejn iz-zewg partijiet in kwistjoni. Illi hekk kif xehed Philip Galea Souchet stess, li meta Reuben Galea u Publius Zammit, meta marru biex jixtru kienu flimkien, u l-kuntratt kienu qalulu biex jaghmlu f’isem Publius Zammit, u r-ricevuta harget ukoll f’isem Publius Zammit (a fol 33 u 34).

Ghaldaqstant, mill-evalwazzjoni tal-fatti u c-cirkostanzi, jidher li l-pretensjoni ta’ l-attur [hlief ghat-LM3600] mhix wahda valida, u ghalhekk ghandha tintlaqa’ biss sal-ammont ta’ LM3600.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut hlief ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta’ LM3600.

Dwar it-talba tal-attur din tilqa’ biss ghall-ammont ta’ LM3600 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma.

Bl-imghax mil-lum.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------